



Brussell, 22 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13977/21

Fajls Interistituzzjonali:

2021/0197(COD)
2021/0200(COD)
2021/0201(COD)
2021/0202(COD)
2021/0203(COD)
2021/0205(COD)
2021/0206(COD)
2021/0207(COD)
2021/0210(COD)
2021/0211(COD)
2021/0213(CNS)
2021/0214(COD)
2021/0218(COD)
2021/0223(COD)

CLIMA 388
ENV 893
ENER 504
TRANS 681
AGRI 550
FORETS 72
IND 354
COMPET 832
ECOFIN 1102
MI 850
AVIATION 283
MAR 217

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" – Ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar fil-pakkett ta' proposti leġislattivi "Lesti għall-Mira ta' 55 %"

I. INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport għandu l-għan li jagħti deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali u ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" fil-Kunsill. Għal dan il-għan, ir-rapport jiffoka fuq l-aspetti orizzontali tiegħu, bħall-interkonnessjonijiet bejn il-fajls, u l-kwistjonijiet ewlenin li tqajmu s'issa fid-diskussjonijiet, inkluż fejn rilevanti daww marbutin mal-livell ta' ambizzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposti. Ser tingħata deskrizzjoni aktar dettaljata tal-progress li sar f'kull fajl frapporti ta' progress separati li ser jiġu ppreżentati lil kull konfigurazzjoni tal-Kunsill.

2. Il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" ġie ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea fl-14 ta' Lulju 2021. Il-pakkett ta' proposti leġiżlattivi għandu l-għan li jallinja l-qafas ta' politika tal-UE dwar il-klima u l-enerġija mal-mira klimatika l-ġdida tagħha mifruxa fuq l-ekonomija kollha għall-2030 li l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % u li jpoġġiha fit-triq it-tajba biex tilħaq l-oġġettiv tagħha li ssir newtrali għall-klima sal-2050.
3. Is-suppożizzjoni sottostanti tal-proposti tal-Kummissjoni hija li l-ambizzjoni klimatika trid tinżamm fil-fajls kollha sabiex jintlaħaq l-oġġettiv tan-newtralità klimatika, li ġie approvat mill-Kunsill Ewropew u sussegwentement stipulat b'mod legalment vinkolanti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.
4. Flimkien, il-proposti għandhom l-għan li jippermettu lill-UE tilħaq il-miri tagħha b'mod ġust, kosteffiċjenti u kompetittiv, tikkontribwixxi għal tranżizzjoni ekoloġika u ġusta u ssaħħa l-innovazzjoni tal-ekonomija tagħha f'konformità mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Ir-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv tagħha dwar il-klima u l-enerġija għandha wkoll tippermetti lill-UE twettaq l-impenji internazzjonali tagħha skont il-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari l-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali aġġornat tagħha f'konformità maż-żieda fl-ambizzjoni għall-2030. Barra minn hekk, il-proposti tal-Kummissjoni għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-irkupru ta' wara l-COVID tal-ekonomija Ewropea u r-reżiljenza fit-tul tal-Unjoni Ewropea.
5. Il-pakkett jikkonsisti minn sensiela ta' proposti marbuta mill-qrib ma' xulxin li jemendaw atti leġiżlattivi eżistenti jew inkella li jistabbilixxu inizjattivi ġodda f'firxa ta' oqsma ta' politika u setturi ekonomiċi li jinkludu l-klima, l-enerġija, it-trasport, il-bini, l-użu tal-art u l-forestrija. Barra minn hekk, għadd ta' proposti addizzjonali huma mistennija li jiġu ppreżentati ftit żmien wara li jinħareġ dan ir-rapport. Il-proposti mistennija dwar ir-rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u dwar ir-Riżorsi Propriji, li għandhom jiġu ppreżentati fit-22 ta' Diċembru 2021, ser ikunu strumentali fil-ħidma ulterjuri fuq ċerti partijiet tal-pakkett (jiġifieri s-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, il-Fond Soċjali għall-Klima u l-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri).

6. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipproponi li tintuża taħlita ta' politiki li jsaħħu lil xulxin li jkunu msejsa fuq l-erba' elementi kostitwenti ta' hawn taħt:
- a) **Prezzar tal-Karbonju:**
- i) Żieda fl-ambizzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) tal-UE.
 - ii) L-introduzzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju fuq l-importazzjonijiet minn ċerti setturi li jkunu koperti mill-ETS fl-UE sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju permezz tal-istabbiliment ta' Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM).
- b) L-iffissar ta' **miri** aktar ambizzjużi fil-**livell tal-UE u dak nazzjonali**:
- i) Żieda fil-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS permezz tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR).
 - ii) Żieda tal-bjar naturali, inkluż permezz tal-iffissar ta' miri nazzjonali għas-settur tal-użu tal-art u tal-forestrija (ir-Regolament LULUCF).
 - iii) Żieda fil-miri ġenerali tal-UE għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija permezz tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED) u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (EED), li b'mod partikolari ser jappoġġaw is-setturi li jaqgħu kemm taħt l-ETS kif ukoll taħt l-ESR fl-isforzi tagħhom lejn id-dekarbonizzazzjoni.
 - iv) L-allinjament tat-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku skont id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (ETD) mal-oġġettivi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima.
- c) **Regoli (standards):**
- i) Żieda fil-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal karożżi u vannijiet ġodda fir-Regolament dwar l-istandards tas-CO₂ għall-karożżi u l-vannijiet, li, fost oħrajn, ser tgħin lill-Istati Membri biex jilhqqu l-miri msaħħa tagħhom taħt l-ESR.

- ii) Miri proposti għat-tnedija ta' infrastruttura interoperabbli u faċli biex tintuża tal-(irri)ċarġjar u tar-(ri)foriment fir-Regolament dwar Infrastruttura ta' Fjuwils Alternattivi (AFIR), li fost oħrajn ser jappoġġaw il-kisba tal-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet imsemmija hawn fuq.
- iii) Il-proposti ReFuelEU Aviation u FuelEU Maritime jistabbilixxu obbligi għall-fjuwils sostenibbli f'dawn is-setturi li ser jikkomplementaw l-isforzi tagħhom b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri dwar l-ipprezzar tal-karbonju (ETS).

d) **Miżuri ta' appoġġ:**

- i) Biex jittaffew l-impatti soċjali u distributtivi tas-sistema separata proposta għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq, il-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment ta' Fond Soċjali għall-Klima ffinanzjat minn parti mid-dħul mill-irkant biex jiġu appoġġati l-unitajiet domestiċi, il-mikrointrapriżi u l-utenti tat-trasport vulnerabbli, b'mod partikolari għal investimenti mmirati biex inaqqsu l-emissjonijiet u l-ispejjeż tal-enerġija kif ukoll għal appoġġ temporanju dirett għall-introjt.
- ii) Iż-żieda fl-ambizzjoni tal-ETS hija akkumpanjata minn żieda fil-Fond għall-Modernizzazzjoni li tikkorrisponi għal 2.5 % tal-limitu massimu tal-ETS biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-enerġija ta' għadd ta' Stati Membri b'introjt baxx.
- iii) Il-Fond għall-Innovazzjoni tal-ETS ukoll ser jįzdied biex jiġu aċċellerati l-investimenti f'teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi fis-setturi kollha li jaqgħu taħt l-ETS.
- iv) Id-dħul kollu mill-irkant tal-Istati Membri ser jappoġġa proġetti relatati mal-klima u mal-enerġija, inkluż id-dekarbonizzazzjoni fis-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini.

7. Fil-Kunsill, il-proposti qed jiġu ttrattati f'erba' konfigurazzjonijiet differenti: Ambjent, TTE (Enerġija), TTE (Trasport) u ECOFIN.

8. Fir-rigward tal-Parlament Ewropew, il-proposti li jaqgħu taħt il-pakkett qed jiġu ttrattati minn ħames Kumitati (ENVI, ITRE, TRAN, EMPL u ECON¹) b'sensiela ta' Kumitati oħra li qed jiġu assoċjati jew ikkonsultati skont diversi regoli proċedurali. Il-biċċa l-kbira tar-rapporteurs u x-shadow rapporteurs għall-proposti nħatru. Ix-xogħol qiegħed fi stadju bikri ħafna u skont l-informazzjoni disponibbli ma ġiet stabbilita l-ebda skeda ta' żmien finali b'mod formali għall-ħidma fuq kwalunkwe waħda mill-proposti.

II. ĦIDMA MWETTQA MATUL IL-PRESIDENZA

9. Il-proposti tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" kienu prijorità ewlenija għall-Presidenza li, fi ħdan id-diversi konfigurazzjonijiet tal-Kunsill involuti, għamlet l-almu tagħha biex isir kemm jista' jkun progress fl-approċċ ġenerali biex tiġi żgurata l-koerenza tal-pakkett.
10. Flimkien mal-ħidma intensiva fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, il-Kunsill Ambjent kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposti li jaqgħu taħt il-mandat tiegħu fil-laqgħa tiegħu f'Ottubru, li ser iwettaq segwitu tiegħu fil-laqgħa tiegħu f'Diċembru. Il-Kunsilli Enerġija u Trasport ser jiddiskutu l-proposti fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom fil-laqgħat rispettivi tagħhom f'Diċembru.
11. Minbarra l-ħidma li saret fil-konfigurazzjonijiet responsabbli tal-Kunsill, il-Kunsilli AGRIFISH u COMPET kellhom skambji politiċi dwar il-pakkett b'rabta mal-kwistjonijiet topiċi li ġew indirizzati taħt il-mandat tagħhom. Fid-29 ta' Settembru 2021, COMPET kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-pakkett mill-perspettiva tal-kompetittività industrijali fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa aġġornata. Fit-12 ta' Ottubru 2021, AGRIFISH kellu skambju ta' fehmiet dwar il-kontribut tal-agrikoltura u l-forestrija għall-inizjattivi leġiżlattivi li jaqgħu taħt il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %". Barra minn hekk, fis-26 ta' Novembru 2021, il-Kunsill COMPET (Riċerka) ser jorganizza dibattitu dwar il-kontribut tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kisba tal-oġġettivi transsettorjali, inkluż il-miri tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" fit-trasport, l-enerġija, l-industrija, l-użu tal-art u l-forestrija.

¹ ENVI u EMPL huma responsabbli b'mod konġunt mill-Fond Soċjali għall-Klima. ECON huwa responsabbli mill-proposta għal Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Madankollu, il-Parlament qed jiġi kkonsultat biss fir-rigward ta' dik il-proposta (Proċedura leġiżlattiva speċjali).

12. Minħabba l-għadd kbir u d-daqs tal-proposti, il-kumplessità u l-interkonnessjonijiet tagħhom, kif ukoll is-sinifikat politiku tagħhom, il-ħidma fuq il-biċċa l-kbira tal-fajls għadha fi stadju pjuttost bikri. Filwaqt li hemm fehim ċar fost id-delegazzjonijiet li l-proposti meħuda flimkien għandhom jilhqnu l-livell maqbul ta' ambizzjoni stipulat fil-Liġi dwar il-Klima, id-delegazzjonijiet qed ifittxu kjarifiki mill-Kummissjoni dwar il-proposti u l-impatti tagħhom, inkluż fil-livell nazzjonali. Id-delegazzjonijiet talbu wkoll aktar informazzjoni dwar ir-rwol tal-proposti individwali u l-kontribut tagħhom għall-ambizzjoni ġenerali fl-ekonomija kollha li jinkiseb tnaqqis nett fl-emissjonijiet ta' mill-inqas 55 % sal-2030; kif ukoll dwar kif jinteraġixxu l-proposti.
13. Kif wieħed jista' jistenna minħabba l-firxa wiesgħa ta' proposti, id-diskussjonijiet ma mxewx 'il quddiem bl-istess pass fuq il-fajls kollha. Jidher li l-ħidma hija l-aktar avvanzata fuq xi wħud mill-proposti dwar it-trasport u progress tajjeb sar ukoll fil-fajls dwar l-enerġija, filwaqt li mill-fajls li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsilli tal-Ambjent u tal-ECOFIN, jidher pjuttost ċar li d-delegazzjonijiet jeħtieġu aktar żmien biex jivvalutaw għalkollox il-proposti u l-biċċa l-kbira tal-progress li sar jirrigwarda l-kjarifika ta' diversi aspetti tal-proposti. F'dak il-kuntest, huwa mfakkar li xi wħud mill-proposti jirrappreżentaw miżuri ġodda fis-sett ta' għodod tal-UE bħall-Fond Soċjali għall-Klima u l-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri, filwaqt li oħrajn bħall-ETS u l-LULUCF fihom diversi elementi ġodda.
14. Wara l-progress tajjeb li sar fil-livell tekniku dwar il-proposti dwar it-trasport, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti I) kellu skambju ta' fehmiet dwar dawn il-proposti fit-12 ta' Novembru 2021 u ta gwida lill-Presidenza għal aktar ħidma. Fir-rigward tal-mistoqsija jekk id-delegazzjonijiet setgħux jappoġġaw l-għan li jinkiseb approċċ ġenerali sa tmien is-sena dwar kwalunkwe fajl tat-trasport, maġġoranza kbira indikat li huwa meħtieġ li tinżamm il-koerenza tal-pakkett u li l-fajls tat-trasport jippreżentaw interkonnessjonijiet ċari ma' proposti oħrajn. Dawn l-interkonnessjonijiet jirreferu mhux biss għall-aspetti tekniċi iżda, b'mod partikolari, għall-ambizzjoni tal-pakkett kollu. B'mod partikolari, l-Istati Membri enfasizzaw li qabel ma jsir progress fuq il-fajls rilevanti, id-direzzjoni fejn iridu jaslu l-fajls kollha relatati mill-qrib għandha tkun ċara, filwaqt li f'dan l-istadju xi proposti għadhom f'fażi pjuttost bikrija tan-negożjati.

1) Kunsill Ambjent

15. Fis-6 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ambjent kellu skambju inizjali ta' fehmiet dwar il-ħames fajls taħt il-mandat tiegħu, b'fokus fuq aspetti ġenerali u orizzontali tal-fajls.
16. Fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, erbgħa minn dawn il-fajls qed jiġu ttrattati mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent filwaqt li l-proposta dwar il-Fond Soċjali għall-Klima qed tiġi diskussa minn Grupp ta' Ħidma Ad hoc iddedikat. Saru għadd ta' laqgħat dwar kull proposta u l-ewwel qari preliminari tal-proposti, flimkien mal-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom, tlesta jew qed jitlesta. Fir-rigward tal-proposta dwar l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet, qed isir qari inizjali artikolu b'artikolu. F'dan l-istadju bikri, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet għadhom qed jistudjaw il-proposti u għalhekk il-fehmiet jew il-pożizzjonijiet tagħhom huma (fil-biċċa l-kbira) preliminari. B'mod partikolari, minħabba l-komplessità tagħhom u l-introduzzjoni ta' elementi ġodda, u fir-rigward tal-ETS minħabba d-daqs tagħha, l-erba' fajls dwar ir-riforma tal-ETS, il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, il-LULUCF u l-Fond Soċjali għall-Klima ser jeħtieġu ħidma teknika ulterjuri konsiderevoli.

i) Riforma tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)²

Id-delegazzjonijiet ikomplu jqisu li l-ETS tinsab fil-qalba tal-politika tal-UE dwar il-klima. Jidher li hemm rikonoxximent ġenerali li l-ETS ser ikollha tagħti is-sehem kosteffiċjenti tagħha taż-żieda fl-ambizzjoni tal-UE. F'dan il-kuntest, kien hemm xi appelli biex jiġu esplorati l-opzjonijiet biex tkompli tiżdied l-ambizzjoni tal-ETS iżda wkoll mistoqsijiet dwar l-impatti possibbli ta' ċerti partijiet tal-proposti kemm fuq is-setturi ekonomiċi kif ukoll fuq l-unitajiet domestiċi, li enfasizzaw il-ħtieġa li jitqiesu s-sitwazzjonijiet differenti tal-Istati Membri.

B'mod partikolari, l-introduzzjoni proposta tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq qajmet tħassib sinifikanti fir-rigward tal-impatti soċjali tagħha fuq familji b'introjtu aktar baxx u r-riskju ta' żieda fil-faqar enerġetiku. Tqajmu mistoqsijiet dwar jekk il-Fond Soċjali għall-Klima propost hux ser ikun biżżejjed biex itaffi l-impatti. Madankollu, ġie indikat ukoll li l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet f'dawn is-setturi ser jikkontribwixxi għal mod kosteffiċjenti għad-dekarbonizzazzjoni tagħhom, filwaqt li jappoġġa lill-Istati Membri biex jilhqnu l-miri nazzjonali miżjuda tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

² Tliet proposti huma ttrattati taħt ir-riforma tal-ETS:

- Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757 (dok. 10875/21 + ADD 1-7);
- Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u li timplimenta b'mod xieraq miżura globali bbażata fuq is-suq (dok. 10917/21 + ADD 1-3);
- Proposta għal Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-ammont ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 (dok. 10902/21 + ADD 1).

Barra minn hekk, ir-raba' proposta dwar l-ETS ġiet ippreżentata fl-14 ta' Lulju 2021: Proposta għal Deċiżjoni li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tan-notifika ta' kumpens fir-rigward ta' miżura globali bbażata fuq is-suq għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni. Il-proposta hija ttrattata separatament taħt it-TTE (Trasport).

Fir-rigward tal-elementi proposti mmirati lejn it-tisħiħ tal-ETS eżistenti u l-ambizzjoni tagħha, l-enfasi inizjali kienet fost l-oħrajn fuq il-valutazzjoni tal-impatt tal-aġġustament tal-limitu massimu u fuq id-dispożizzjonijiet dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju/allokazzjoni bla ħlas. B'mod partikolari, tqajmu mistoqsijiet dwar id-dispożizzjoni proposta tal-kondizzjonalità tal-allokazzjoni bla ħlas u l-ħeffa u l-modalitajiet tal-eliminazzjoni gradwali tal-allokazzjoni bla ħlas fl-ETS għas-setturi koperti mill-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) propost. Kummenti inizjali dwar il-proposti dwar ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) ikkonċentraw fuq, fost l-oħrajn, l-impatt tar-riżerva fuq l-ipprezzar tal-karbonju. F'dak il-kuntest, xi delegazzjonijiet jixtiequ jerġgħu jeżaminaw l-Artikolu 29a dwar "Miżuri f'każ li jkun hemm oxxillazzjonijiet kbar fil-prezzijiet" (mhux parti mill-proposta tal-Kummissjoni).

Fir-rigward tas-setturi marittimi u tal-avjazzjoni, l-enfasi kienet fuq il-valutazzjoni sħiħa tal-proposti, b'mod partikolari f'termini tal-kontribut tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-impatti tagħhom fuq is-setturi u l-kompetittività, filwaqt li ġie enfasizzat il-kuntest internazzjonali u l-hteġa li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali. Barra minn hekk, fir-rigward tal-interkonnessjonijiet ma' fajls oħra, id-delegazzjonijiet appellaw għal valutazzjoni tal-impatti kumulattivi tal-proposti dwar l-ETS, ReFuelEU Aviation, FuelEU Maritime u dwar it-tassazzjoni tal-enerġija.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet finanzjarji, id-diskussjonijiet iffukaw fuq id-daqs, is-sorsi, l-ambitu u d-distribuzzjoni tal-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-Fond għall-Innovazzjoni. It-tmiem propost għall-appoġġ tal-fjuwils fossili likwidi mill-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-allokazzjoni obbligatorja tad-dħul kollu mill-irkant ser jeħtieġu wkoll aktar kunsiderazzjoni.

ii) Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi³ (ESR)

Il-kwistjonijiet ewlenin identifikati sa issa jikkonċernaw il-miri proposti, il-flessibbiltajiet u r-riżerva addizzjonali l-għdida, inkluż b'rabta ma' proposti oħra tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %". Diversi delegazzjonijiet indikaw li huma jqisu l-miri l-ġodda rispettivi tagħhom bħala ta' sfida kbira. Għadd ta' delegazzjonijiet appellaw lill-Kummissjoni biex tipprovdi aktar informazzjoni u data dwar il-kalkolu tal-miri nazzjonali u talbu kjarifika dwar kif il-prinċipji tal-ġustizzja, il-kosteffiċjenza jew aktar konverġenza ġew ikkunsidrati.

³ Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi (dok. 10867/21 + ADD 1-4)

Fir-rigward tal-flessibbiltajiet, id-delegazzjonijiet b'mod ġenerali jaqblu li ser ikollhom rwol importanti f'termini ta' għajnuna lill-Istati Membri biex jilhqgħu l-miri nazzjonali tagħhom b'mod kosteffettiv filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità ambjentali. Id-delegazzjonijiet huma partikolarment interessati f'aktar kjarifika tal-bidliet proposti għall-flessibbiltà eżistenti tal-Istati Membri biex jużaw l-assorbimenti netti mis-settur tal-LULUCF għall-konformità mal-mira tagħhom skont l-ESR. Diversi delegazzjonijiet talbu wkoll aktar informazzjoni dwar ir-riżerva addizzjonali l-ġdida, li tkun magħmula minn assorbimenti netti żejda possibbli ġġenerati mill-2026 sal-2030. Minbarra l-mistoqsijiet dwar il-funzjonament konkorrenti tal-flessibbiltajiet previsti fil-proposti tal-ESR u l-LULUCF, xi delegazzjonijiet staqsew dwar il-possibbiltà li tiżdied il-flessibbiltà bejn l-ETS u l-ESR. Id-delegazzjonijiet appellaw ukoll għal informazzjoni addizzjonali dwar l-interazzjoni bejn l-ESR u s-sistema l-ġdida proposta għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq.

iii) Ir-Regolament dwar l-Użu tal-art, it-Tibdil fl-użu tal-art u l-Forestrija (LULUCF)⁴

Id-diskussjonijiet fil-livell tekniku dwar il-proposta tal-Kummissjoni ffukaw l-aktar fuq il-kjarifika tal-emendi proposti għar-Regolament eżistenti, b'mod partikolari fil-kuntest tal-bidliet sinifikanti fir-reġim ġenerali mill-2026 'il quddiem. Madankollu, mid-diskussjonijiet sa issa huwa possibbli li jiġu identifikati ftit kwistjonijiet ewlenin, jiġifieri l-allokazzjoni tal-miri nazzjonali għall-2030 (imfassla biex jissostitwixxu r-"regola ta' ebda dejn" attwali mill-2026), il-proċess propost għat-tfassil ta' miri nazzjonali taħt il-qafas ta' wara l-2030, u l-flessibbiltajiet imfassla biex jgħinu lill-Istati Membri jikkonformaw mal-miri tagħhom.

⁴ Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (dok. 10857/21 + ADD 1-4).

Id-delegazzjonijiet ġeneralment jirrikonoxxu r-rwol importanti tas-settur LULUCF fil-politika tal-UE dwar il-klima u ż-żieda fl-ambizzjoni ġenerali tagħha. Tqajmu xi mistoqsijiet dwar l-allokazzjonijiet nazzjonali proposti għall-2030, inkluż il-livell ta' ambizzjoni tagħhom u l-kriterji użati fil-kalkolu tagħhom, il-mekkaniżmu ta' konformità ġdid propost, kif ukoll il-proċess propost għall-istabbiliment ta' miri nazzjonali annwali għall-perijodu 2026-2029. F'dan l-istadju, hemm xi mistoqsijiet dwar il-proposta li mill-2031 jinħoloq settur uniku tal-art li jikkombina l-assorbimenti netti fis-settur tal-LULUCF u l-emissjonijiet agrikoli mhux tas-CO₂ u l-għan tan-newtralità klimatika għas-settur ikkombinat fl-2035. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet jirrikonoxxu li l-flessibbiltajiet, b'mod partikolari għal avvenimenti ta' disturb naturali, ser ikunu importanti ħafna biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-Istati Membri mal-ambizzjoni msaħħa wara l-2025. Id-diskussjonijiet iffukaw fuq il-kjarifika tal-aspetti tekniċi tagħhom u l-bidliet fil-flessibbiltajiet eżistenti wara l-2025, kif ukoll fuq il-kisba ta' fehim aħjar tal-interkonnessjonijiet bejn il-flessibbiltajiet fil-proposti dwar ESR u LULUCF.

iv) Regolament dwar l-istandards tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet⁵

Hemm fehim ġenerali li s-settur awtomobilistiku għandu jikkontribwixxi għall-ambizzjoni msaħħa tal-UE u għal għadd ta' delegazzjonijiet il-proposta hija essenzjali għall-ambizzjoni ġenerali u biex jintlaħqu l-miri nazzjonali msaħħa tagħhom fir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. Il-fokus tad-diskussjonijiet kien fuq il-livelli ta' ambizzjoni tal-mira kemm għall-karozzi kif ukoll għall-vannijiet, inkluż il-mira ta' 100 % għall-2035, li tirrikjedi li l-karozzi u l-vannijiet il-ġodda kollha jkunu vetturi b'emissjonijiet żero sa dik id-data. B'mod partikolari, il-kwistjoni ewlenija li tqajmet kienet ir-ritmu tat-tranżizzjoni lejn vetturi b'emissjonijiet żero, jiġifieri jekk il-proposta tal-Kummissjoni laħqitx il-bilanċ it-tajjeb f'dan ir-rigward jew jekk it-tranżizzjoni tistax u għandhiex isseħħ aktar malajr (2030) jew jekk hijiex prematura u teħtieġ aktar żmien. Tqajmu mistoqsijiet dwar il-possibbiltà li jitqies il-kontribut tal-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju meta tiġi vvalutata l-konformità tal-manifatturi tal-vetturi mal-miri tagħhom. Ġiet enfasizzata l-hteġa li tiġi kkunsidrata aktar id-differenza bejn l-Istati Membri fl-adozzjoni ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero, prinċipalment minħabba l-affordabbiltà u l-introduzzjoni kajmana tal-infrastruttura, u ż-żmien meħtieġ għat-tranżizzjoni tal-manifattura. Barra minn hekk, kwistjonijiet bħad-differenzjazzjoni bejn il-karozzi u l-vannijiet, l-adekwatezza li tintemm id-deroga ta' volum żgħir u l-inċentivi għal vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero sal-2030 kif ukoll l-impatt fuq is-suq tal-karozzi użati f'ċerti Stati Membri ser jeħtieġu aktar diskussjoni.

Id-delegazzjonijiet issottolinjaw il-hteġa li tinżamm il-koerenza ma' proposti oħra fil-Pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", u enfasizzaw li l-miri jeħtieġ li jimxu id f'id mal-ambizzjoni tal-proposta dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIR).

⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni (dok. 10906/21 + ADD 1-5).

v) Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima⁶ (SCF)

Filwaqt li hemm rikonoxximent ġenerali tal-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura, il-proposta rċeviet reazzjonijiet imħallta. Tqajmu diversi preokkupazzjonijiet u talbiet għal kjarifiki rigward l-aspetti li ġejjin tal-proposta, b'mod partikolari: a) in-nuqqas ta' Valutazzjoni tal-Impatt awtonoma u data relatata, b) il-bażi ġuridika, c) l-interazzjoni mal-proposti li ġejjin dwar ir-Riżorsi Proprji tal-Unjoni u r-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, d) kwistjonijiet finanzjarji u baġitarji (b'mod partikolari dwar id-daqs tal-SCF, is-sors tal-finanzjament, il-metodoloġija tal-allokazzjoni u l-kriterji magħżula), e) l-implimentazzjoni u l-ġestjoni, f) duplikazzjoni ma' fondi oħrajn.

Għall-maġġoranza tad-delegazzjonijiet, il-proposta hija intrinsikament marbuta mal-inklużjoni tas-setturi BRT fl-ETS, filwaqt li xi wħud jappoġġaw l-istabbiliment tal-SCF irrispettivament mill-istabbiliment ta' ETS separata ġdida għal dawk is-setturi.

F'konformità mal-mandat tal-Grupp ta' Ħidma Ad hoc dwar il-Fond Soċjali għall-Klima⁷, il-Presidenza poġġiet fil-parentesi d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-proposta u l-annessi tagħha, dwar l-aspetti finanzjarji, marbuta mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u r-Riżorsi Proprji tal-Unjoni. L-għan huwa li jinbeda l-eżami tal-proposta artikolu b'artikolu taħt il-Presidenza Franċiża.

2) Kunsill TTE (Enerġija)

17. Fir-rigward taż-żewġ fajls taħt il-kompetenza tat-TTE (Enerġija) (id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija) il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija eżamina l-proposti (u l-valutazzjonijiet tal-impatt relatati) b'mod intensiv minn Lulju sa Novembru f'sensiela ta' laqgħat, fejn l-ewwel analizza l-prinċipji u d-dispożizzjonijiet ewlenin, imbagħad eżamina l-artikoli u l-annessi kollha. Iż-żewġ proposti għandhom għadd ta' interazzjonijiet importanti kemm ma' proposti oħrajn fil-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" (b'mod partikolari AFIR, RefuelEU Aviation u FuelEU Maritime) kif ukoll mal-leġiżlazzjoni li ġej (reviżjoni tat-tielet pakkett tal-enerġija għall-gass u reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija).

⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima (dok. 10920/21 + ADD 1).

⁷ Dok. 11402/21.

Minbarra t-tfassil ta' rapport ta' progress, il-Presidenza biħsiebha tħejji l-ewwel test rivedut dwar iż-żewġ fajls, li jista' jservi bħala l-punt tat-tluq għal aktar ħidma taħt il-Presidenza Franċiża.

i) Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED)⁸

Rigward ir-RED, jidher li d-delegazzjonijiet jappoġġaw l-għan tal-proposta kif ukoll il-livell ġenerali ta' ambizzjoni propost. Madankollu, id-delegazzjonijiet jissottolinjaw l-importanza tal-flessibbiltà għall-Istati Membri biex japplikaw l-aktar miżuri kosteffiċjenti, tal-koerenza mal-leġislazzjoni eżistenti, u tar-rispett tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u newtralità teknoloġika.

Fid-dawl tad-diskussjonijiet, x'aktarx li tkun meħtieġa aktar flessibbiltà, b'mod partikolari fir-rigward tas-sottomiri proposti għall-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ, it-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, it-trasport u l-industrija kif ukoll il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa.

ii) Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (DEE)⁹

Rigward id-DEE, id-delegazzjonijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' aktar miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u l-importanza tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel". Madankollu, b'mod ġenerali huma jitolbu l-flessibbiltà u l-konsiderazzjoni tal-ispeċifikitajiet nazzjonali u l-kosteffettività meta jiddefinixxu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali indikattivi tagħhom u jimplimentaw il-miżuri tal-politika tal-effiċjenza fl-enerġija tagħhom.

L-Istati Membri jappoġġaw l-għan ġenerali li tizzied l-effiċjenza tal-bini fis-settur pubbliku u li jiġu appoġġati l-konsumaturi vulnerabbli. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri enfasizzaw il-piż amministrattiv addizzjonali impost u kkritikaw id-dettalji eċċessivi tar-regoli fil-livell tal-UE dwar il-faqar enerġetiku. Id-delegazzjonijiet jappellaw għal aktar ħidma dwar id-definizzjoni ta' sistema effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali sabiex jiġu riflessi aħjar iċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom u biex jiġu pprovduti l-inċentivi t-tajba għall-użu ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ.

⁸ Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (dok. 10746/21 + ADD 1-6).

⁹ Proposta għal Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija (riformulazzjoni) (dok. 10745/21 + ADD 1-8).

Il-livell ta' ambizzjoni għad-DEE huwa korrelatat ma' diversi dispożizzjonijiet oħrajn tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", inkluż mal-estensjoni possibbli tal-EU ETS għall-bini.

3) Kunsill TTE (Trasport)

18. Dwar it-tliet fajls taħt il-mandat tal-Kunsill TTE (Trasport) (Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi, ReFuelEU Aviation u FuelEU Maritime) ġew organizzati għadd kbir ta' laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Intermodali u Networks, l-Avjazzjoni, u t-Trasport Marittimu, rispettivament, li ppermettew analiżi bir-reqqa tat-tliet proposti u l-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom. Minbarra l-ħidma intensiva fil-livell tekniku, fit-12 ta' Novembru 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti I) kellu skambju ta' fehmiet dwar it-tliet fajls tat-trasport, li matulu d-delegazzjonijiet enfasizzaw l-importanza tal-proposti kif ukoll il-ħtieġa li tinżamm il-koerenza tal-pakkett, peress li l-fajls tat-trasport jippreżentaw interkonnessjonijiet ċari ma' proposti oħrajn.

i) Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIR)¹⁰

Id-diskussjonijiet fil-livell tal-grupp ta' ħidma indikaw qbil ġenerali li ser tkun meħtieġa aktar infrastruttura biex tiġi appoġġata tranżizzjoni aktar mgħaġġla għall-użu ta' fjuwils alternattivi fit-trasport. Ġie rreġistrat qbil globali għall-oġġettivi ġenerali tal-proposta u l-approċċ prinċipali għall-miżuri previsti biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi, inkluż l-istabbiliment ta' miri vinkolanti għall-introduzzjoni tal-infrastruttura. Fil-prinċipju, l-istabbiliment ta' miri obbligatorji għall-varar tal-infrastruttura bbażata fuq il-flotta u bbażata fuq id-distanza għal vetturi ħfief, u ta' miri bbażati fuq id-distanza u bbażati fuq il-post għal vetturi tqal huwa appoġġat mill-maġġoranza tal-Istati Membri.

¹⁰ Proposta għal Regolament dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE (dok. 10877/21 + ADD 1-7).

Fit-testi ta' kompromess proposti, il-Presidenza ppruvat tindirizza l-kwistjonijiet ewlenin imqajma mid-delegazzjonijiet. Minbarra bosta proposti dwar aspetti tekniċi, ġew proposti aġġustamenti fir-rigward ta' wħud mill-miri għall-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment, inkluż flessibbiltajiet possibbli biex jiġu indirizzati ċirkostanzi partikolari tan-network TEN-T li huma kkaratterizzati minn densità tat-traffiku baxxa ħafna. Madankollu, il-partijiet tat-test relatati mal-ambizzjoni ġenerali għall-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment fuq in-network TEN-T jibqgħu bejn parentesi kwadri. Jiġifieri, ma kien hemm ebda konverġenza soda ta' fehmiet f'dan l-istadju.

ii) Regolament ReFuel Aviation¹¹

Dwar il-proposta ReFuel Aviation, id-diskussjonijiet urew appoġġ ġenerali għall-proposta. Bit-tliet proposti ta' kompromess, sar progress fi kwistjonijiet tekniċi, bħal pereżempju l-possibbiltà ta' inklużjoni fakultattiva għal ajruporti iżgħar, li mhumie x inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, u kjarifiki dwar il-miżuri kontra t-tankering.

Ġie aġġustat ukoll it-test dwar id-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' rappurtar u r-rwol tal-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, ġew diskussi l-livell propost ta' ambizzjoni u d-disponibbiltà ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-Ewropa.

Bit-tielet proposta ta' kompromess, il-Presidenza indirizzat il-kwistjoni tal-livell ta' ambizzjoni, b'mod partikolari d-definizzjoni ta' fjuwils alternattivi sostenibbli (SAF), l-ambizzjonijiet għall-UE kollha rigward il-provvista ta' SAF u t-tul tal-perjodu tranżitorju li jipprovdi flessibbiltà lill-fornituri tal-fjuwils. Il-pożizzjonijiet fost l-Istati Membri jvarjaw ħafna peress li diversi minnhom jixtiequ ambizzjoni ogħla u l-possibbiltà ta' flessibbiltà nazzjonali, waqt li oħrajn jixtiequ jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-fjuwils eliġibbli jew ibaxxu l-livell tal-obbligi li jgħoddu għall-UE kollha.

¹¹ Proposta għal Regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (dok. 10884/21 + ADD 1-3).

iii) Regolament FuelEU Maritime¹²

Id-diskussjonijiet urew l-importanza tal-proposta għall-Istati Membri. Madankollu, il-proposta hija wkoll meqjusa bħala estremament kumplessa, kemm mil-lat tekniku kif ukoll minn dak politiku, u ser ikun meħtieġ aktar żmien għal eżami xieraq mill-Istati Membri.

Il-kwistjonijiet politiċi ewlenin enfasizzati matul id-diskussjonijiet huma marbuta mal-aspetti li ġejjin: 1) il-kamp ta' applikazzjoni, kif speċifikat kemm fil-kamp ta' applikazzjoni "sostanzjali" (jiġifieri l-applikazzjoni għall-vapuri kollha b'tunnellaġġ gross ta' aktar minn 5000) u fil-kamp ta' applikazzjoni "ġeografiku" (jiġifieri l-applikazzjoni tar-Regolament propost għal vapuri fir-rigward ta' 50 % tal-enerġija użata fuq vjaġġi li jtilqu minn/jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, fejn l-aħħar port/il-port li jmiss ikun taħt il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz); 2) il-livell ta' ambizzjoni tal-miri għat-tnaqqis tal-intensità tal-gassijiet serra; 3) il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti għall-provvista tal-enerġija fuq l-art (OPS); jew teknoloġiji alternattivi b'emissjonijiet żero għall-vapuri fil-portijiet, 4) iċ-ċertifikazzjoni ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; u 5) il-governanza tal-proposta (inkluż aspetti ta' infurzar u penali). Ġew diskussi wkoll l-interkonnessjonijiet ma' proposti oħra, kemm fi ħdan il-pakkett kif ukoll barra minnu, b'mod partikolari mal-proposti dwar l-AFIR, ir-RED, l-ETS u l-MRV.

Il-Presidenza bħaliha tinsab fil-proċess li tħejji test ta' kompromess li ser ikun limitat għal aspetti editorjali.

4) Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN)

19. Iż-żewġ proposti taħt il-kompetenza tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN), jiġifieri l-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) u d-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija (ETD) qed jiġu ttrattati rispettivament minn Grupp ta' Ħidma Ad Hoc iddedikat (CBAM) u mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta – Dazji tas-sisa/Tassazzjoni fuq l-Enerġija). Id-dettalji tas-sitwazzjoni attwali ta' dawn id-dossiers ser jitniżżlu fir-rapport tal-Presidenza, li ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill ECOFIN tas-7 ta' Diċembru 2021.

¹²Proposta għal Regolament dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (dok. 10327/21 + ADD 1-3).

i) Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri¹³

L-oġġettiv prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM) huwa li jindirizza r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, ikkawżat minn politiki dwar il-klima asimmetriċi ta' pajjiżi li mhumiex fl-UE (fejn il-politiki applikati għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima huma inqas ambizzjużi minn dawk tal-UE).

Fit-22 ta' Lulju 2021 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) stabbilixxa Grupp ta' Ħidma *Ad Hoc* dwar il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri ("AHWP CBAM"), biex iwettaq il-ħidma tat-tħejjija marbuta man-negozjati dwar din il-proposta leġiżlattiva u biex jindirizza b'mod effiċjenti s-suġġetti transsettorjali koperti minn dan id-dossier. L-AHWP CBAM jaħdem fuq it-tfassil tas-CBAM skont il-mandat tiegħu¹⁴ u juża l-għarfien espert tad-delegati tal-Istati Membri li jaħdmu fl-oqsma rilevanti, kif adatt.

Matul dan il-mandat tal-Presidenza, il-laqgħat tal-AHWP CBAM kienu prinċipalment iddedikati għal preżentazzjoni dettaljata tal-proposta tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha, segwiti minn eżami tal-proposta artikolu b'artikolu. L-ewwel qari tal-proposta tlesta, u saru skambji ta' fehmiet aktar dettaljati dwar għadd ta' aspetti tekniċi.

Filwaqt li l-oġġettivi klimatiċi tal-proposta mhumiex ikkontestati, id-diskussjonijiet fl-AHWP ikkonfermaw li l-Istati Membri jagħtuha importanza sinifikanti fil-kuntest tal-kummerċ internazzjonali, il-kompetittività tal-industrija tal-UE u l-effetti fuq l-ekonomija, inkluż fuq is-suq tax-xogħol. Ser ikollhom jiġu kkunsidrati għadd ta' prinċipji gwida li diġà ġew approvati mill-Kunsill Ewropew dwar kif għandu jiġi implimentat il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".

¹³ Proposta għal Regolament li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (dok. 10871/21 + ADD 1-6).

¹⁴ Dok. 10846/21.

Il-ħidma abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni ser tkompli, u minħabba n-novità tal-miżura proposta, ser ikunu meħtieġa aktar diskussjonijiet tekniċi fl-AHWP CBAM, peress li d-delegazzjonijiet jeħtieġ li jaċċertaw kif is-CBAM ser jiffunzjona fil-prattika, inkluż l-aspetti relatati mat-tfassil ġenerali u l-amministrazzjoni tal-mekkaniżmu l-ġdid.

ii) Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (ETD)¹⁵

Fil-laqgħa informali f'Lulju tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (HLWP), li kienet iddedikata għas-suġġett "Sfidi futuri fil-qasam tat-tassazzjoni", id-delegazzjonijiet diġà esprimew il-fehmiet preliminari tagħhom dwar ir-rwol tat-tassazzjoni fit-tranżizzjoni ekoloġika matul is-sessjoni ta' ħidma "Aspetti ta' tassazzjoni tal-Patt Ekoloġiku".

Id-diskussjonijiet tekniċi dwar il-proposta għal ETD jinsabu għaddejjin fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta – Dazji tas-sisa/Tassazzjoni fuq l-enerġija). Sa tmiem il-mandat tal-Presidenza, ser ikunu saru ħames laqgħat ta' grupp ta' ħidma dwar din il-proposta. Dawn il-laqgħat kienu ddedikati għal preżentazzjoni dettaljata tal-proposta tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tal-impatt, segwiti minn analiżi tal-proposta artikolu b'artikolu. Tressqu għadd ta' mistoqsijiet dwar diversi aspetti tal-proposta, bħat-tranżizzjoni minn tassazzjoni bbażata fuq il-volum għal waħda bbażata fuq il-kontenut ta' enerġija, l-introduzzjoni ta' klassifikazzjoni tar-rati skont il-prestazzjoni ambjentali, it-tassazzjoni ta' prodotti ġodda, l-indiċjar, is-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu, kif ukoll ir-rabtiet ma' fajls oħra fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". L-ewwel qari tal-proposta artikolu b'artikolu mistenni jitlesta sa tmiem il-mandat tal-Presidenza.

Il-ħidma abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni ser tkompli u ser ikunu meħtieġa aktar diskussjonijiet tekniċi fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma.

¹⁵ Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirrifirma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni) (dok. 10872/21 + ADD 1-7).

III. KONKLUŻJONI

Din il-ħarsa ġenerali lejn il-progress fil-proposti fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ser takkumpanja r-rapporti ta' progress li ser jinħarġu separatament dwar il-proposti individwali lill-konfigurazzjonijiet responsabbli tal-Kunsill, jew tissemma fihom.

Minħabba l-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn il-proposti fil-pakkett, il-Presidenza tqis li ħarsa ġenerali bħal din lejn il-progress tal-pakkett kollu hija strumentali biex jiġi żgurat approċċ koerenti għal dawn in-negozjati kumplessi. Filwaqt li n-negozjati dwar il-proposti mxew b'pass differenti, ir-rapport juri li nkiseb progress tajjeb fil-livell tekniku b'mod ġenerali.
